**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

## Laqgħa tar-Regjun Xlokk

## Laqgħa Nru. 71/2016 tat-tieni Amministrazzjoni

Data: 25 ta April, 2016

Hin: 18.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

---

Preżenti:

***Chev Paul Farrugia*** – *President, Sindku Tarxien*
***Sur Joseph Attard*** – *Viċi President*
***Sra Alison Zerafa Civelli*** – *Sindku Bormla*
***Sur Vincent Borg*** – *Vici Sindku Floriana*
***Sra Speranza Chircop*** – *Sindku Kalkara*
***Sur Francis Debono*** – *Sindku Marsa*
***Sur Horace Gauci*** – *Sindku Marsaxlokk*
***Sur Dominic Grima*** – *Sindku Paola*
***Sur Anthony Valvo*** – *Sindku Xghajra*

***Sra Joan Mangion*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Assenti:

Kunsill Lokali Birgu
Kunsill Lokali Isla
Kunsill Lokali Zabbar
Kunsill Lokali Fgura
Kunsill Lokali Marsascala

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

2. Punti mqajma mill-Minuti;

3. Komunikazzjoni mis-Sindku;

4. Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* ghas-sena *2015*
5. Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv ghas-sena 2015
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

## Minuti – *71/2016*

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa numru 70/2016 mizmuma fl-25 ta' Marzu 2016 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma tqajjmu l-ebda punti mill-Minuti

## 3. Komunikazzjoni mil-President

**3.1** **Meter tad-dawl fit-Tribunal**

Meter tad-dawl fit-Tribunal

Il-President spjega li il-Kunsill taz-Zejtun kien wahhal is-submeter fit-Tribunal u ghalhekk issa setghu jibdew jigu rifuzi l-ammonti dovuti lill-Kunsill ghal-konsum u il-kera ta' l-arlogg tad-dawl. Bi ftehim mal-Vici President u Sindku taz-Zejtun l-ilma ha jigi rifuz fuq il-kontijiet li jircievi ir-Regjun ghall-ufficcji tieghu f'Hal Tarxien.

**3.2** **Financial Statements**

Financial Statements

Il-President spjega li l-awdituri mqabbda mill-NAO kienu ghamlu il-verifika tal-Financial Statements kif ipprezentati mill-accoutants tar-Regjun. Huwa kompla li ma kien gie propost l-ebda tibdil ghajr ghal revuzjoni l-isfel ta' l-ammont ta' Eur 1331.77 f'accrued expense ghal-kont ta Guard and Warden li ma kienx gie accettat mir-Regjun ghaliex kien inkorett.

Il-President saqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet u peress li ma kienx hemm talab li jghaddu ghall-approvazzjoni taghhom. Il-Financial Statements gew

approvati b'mod unanimu.

3.3 **Rapport Anwali Amministrattiv**

Rapport Annwali Amministrattiv

Il-President saqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet dwar dan ir-rapport u peress li ma kienx hemm talab li jghaddu ghall-approvazzjoni tieghu. Dan ir-rapport gie approvat b'mod unanimu.

3.4 **Haddiema tal-RSSL**

Haddiema tal-RSSL

Il-President qal li kienu qed isiru tahdidiet bejn l-AKL u il-Chairman tal-RSSL biex jizdiedu il-haddiema fuq it-tim.

3.5 **Riforma tal-LES**

Riforma tal-LES

Il-President qal li kienet saret laqgha bejn il-Presidenti tar-Regjuni u is-Sur Ray Zammit, CEO tal-agenzija LESA. Is-Sur Zammit beda il-laqgha billi qal li kienet saret uniformi gdida ghal-wardens u li kien qed jistenna il-permess tal-kummissarju tal-puluzija biex din tibda tintuza.

Waqt din il-laqgha is-Sur Zammit hareg bi proposta li l-agenzjia taghmel *debt chasing exercise* tac-citazzjonijiet pre LESA u pre region. Is-Sur Farrugia kien staqsa kemm kienet se tkun il-commission li kienet se tinzamm mill-agenzjia fuq il-kontravenzjonijiet imhallsa. Is-Sur Zammit qal li se jkun qed jghaddi din l-informazzjoni izjed il-quddiem.

Il-president spjega li Transport Malta ma kienetx qed thalli li persuna taghmel trasferiment ta' vetturi jew registrazzjonijiet godda qabel ma jkunu thallsu il-citazzjonijiet kollha dovuti. Hu zied li dan kellu iwassal ghal-pagament ta' citazzjonijiet antiki u ghalhekk kien qed jissugerixxi li jinghata zmien biex din l-inizjattiva tat-TM tibda thalli il-frott taghha u wara jerga isir l-ezercizzju ta *debt chasing* mir-Regjun stess.

Il-President informa lill membri presenti li il-LESA kienet ghaddiet biss rifuzjoni tal-pagi ta' Ottubru u Novembru. Il-membri tal-ezekuttiv urew it-thassib taghhom li dan seta johloq problemi ta' cash flow imhabba li il-flus fil-kontijiet tar-Regjun kienu ga kommessi. Huma ziedu li qabel ma il-LESA tibda taghmel rifuzjoni tal-pagi u l-ispejjez ta' l-amministrazzjoni b'mod regolari ma ghandhomx jithallsu kontijiet tat-tribunal issa li dan kien qed jopera specifikament biex jinstemghu il-kazi tal-LESA.

Il-President kompla li bhala parti mir-riforma tas-sistema tal-LES kien se jigi diskuss wkoll kif il-revenue zejjed generat mis-sistema se jitqassam. Is-Sur Ray

Zammit kien spjega li wara sena mill-operat ta' l-agenzjia kienet se tohrog stampa cara ta' l-ispejjez biex tigi imhaddma is-sistema u is-surplus generat minnha.

Il-Vici President u Sindku taz-Zejtun, is Sur Joseph Attard, qal li meta is-sistema kienet titmexxa mill-kumitati kongunti din kienet ferm ahjar u meta is-sistema bdiet timexxa mir-Regjun morna ghall-aghar. Issa is-sistema ma baqghatx lokali imma saret wahda nazzjonali; fl-amministrazzjoni tal-lum l-ispejjez huma ferm ghola minn dak tal-authorised officer, zdiedet il-kera ta' l-ufficcji ta' l-agenzjija u l-amministrazzjoni taghha hija top heavy u allura l-ispejjez kienu ikbar.

**3.6** **Rimunerazzjoni ghall-attendenza ghal-laqghat tar-Regjun**

Rimunerazzjoni ghall-attendenza ghal-laqghat tar-Regjun

Il-President issugerixxa li is-sindku jew rapprezentanti taghhom jinghataw remunerazzjoni ghal-attendenza tal-laqghat bhal ma kien isir fil-Kunsilli. Is-Sur Attard, Vici President u Sindku taz-Zejtun qal li ma kien hemm l-ebda bord fejn ma kienitx tinghata remunerazzjoni lill-membri ghall-attendenza. Kien hemm qbil unanimu ghal din il-proposta. Ghalhekk il-President qal li kien se jkun qed jikteb lill-Onorevoli Ministu u lis-Segretarju Parlamentari biex tkun tista issir l-amenda necessarja fil-ligi.

## 4. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Approvazzjoni tal-Pagamenti

**4.1** L-Iskeda tal-Pagamenti kif wkoll l-iskedi tax-xiri mill-Petty Cash ghal l-ahhar kwart tat-2015 u l-ewwel kwart tat-2016 gew approvatiu gew iffimatati wkoll minn zewg membri tal-Kumitat.

## 5. Aġġornament

Aġġornament

**5.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għat- 23 ta' Mejju, 2016 fis-18.30.

***Chev Paul Farrugia***
*President*

***Joan Mangion***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: